MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 905/2003

**TIME INTERNATIONAL COMPANY LIMITED**

vs

**1. VISA MARKETING LIMITED; u**

**2. Mark u Brigida konjuġi SAMMUT bħala garanti solidali mas-socjeta' Visa Marketing Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Settembru, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta Visa Marketing Limited fis-somma ta' tmint elef u sebgħa u ħamsin liri maltin (Lm8057) import ta' tmien kambjali li skadew fil-31 t'Ottubru 2002, 30 ta' Novembru 2002, 31

ta' Diċembru 2002, 31 ta' Jannar 2003, 28 ta' Frar 2003, 31 ta' Marzu 2003, 30 t'April 2003, u 31 ta' Mejju 2003, kopji ta' dawn il-kambjali qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati "Dok. A", "Dok. B", "Dok. C", "Dok. D", "Dok. E", "Dok. F", "Dok. G",u "Dok. H" rispettivament;

Illi l-konvenuti l-oħra Mark u Brigida konjuġi Sammut, solidament bejniethom u mas-soċjeta' Visa Marketing Limited, iggarantew il-ħlas tas-somma ta' Lm8057, dovuta kf fuq ingħad, u għal dan il-għan l-imsemmija kambjali ġew minnhom iffirmati *par aval*;

Illi minkejja interpellati jħallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqgħui nadempjenti;

Galħekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tikkundannahom flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef u sebgħa u ħamsin liri maltin (Lm8057) dovuta kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 9 t'April 2003 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1423/03 ippreżentat fil-21 t'Awissu 2003 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota mressqa fit-13 ta' Novembru 2003, li biha l-imħarrkin ammettew it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef u sebgħa u ħamsin liri maltin (Lm8057) dovuta kif fuq ingħad, bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 9 t'April 2003

u tal-mandat ta’ sekwetru numru 1423/03 u bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------